**MALTA**

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. NADIA H. VELLA**

Seduta tad-9 t'Ottubru 2015

Talba Numru: 58/14

Numru fuq il-Lista:

**GO p.l.c. C22334**

**vs.**

**Alfred Magro K.I. 317048 (M)**

It-Tribunal

Preliminari

Ra l-**Avviż tat-talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-28 ta' Jannar 2014, fejn is-soċjeta` attriċi talbet mingħand il-konvenut il-ħlas tas-somma ta' ħames mija, wieħed u tletin Ewro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€531.54) in konnessjoni ma' servizz ta' televiżjoni 1425005110 li jinkludi wkoll is-servizz ta' Go Sports (AC 80005000).

Premess illi permezz ta' kuntratt datat 10 ta' Ottubru 2005 ġie ikkuntrattat is-servizz imsemmi mas-soċjetà Multiplus Ltd. Is-soċjetà mittenti assumiet l-obbligi u d-drittijiet tal-imsemmija soċjetà Multiplus Ltd.

Illi interpellat diversi drabi sabiex jgħaddi għall-ħlas, il-konvenut baqa' inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża kontra l-konvenut li minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni.

Bl-ispejjeż u d-drittijiet inklużi dawk tal-ittra uffiċjali 4545/11, u bl-imgħaxijiet legali sa mit-22 ta' Novembru 2011, data tal-imsemmija ittra uffiċjali.

Ra **r-risposta** tal-konvenut ippreżentata fid-19 ta' Ġunju 2014 fejn huwa eċċepixxa li:

Ebda flejjes ma huma dovuti lis-soċjetà attriċi;

Illi bla preġudizzju għas-suespost, il-konvenut m' għandux relazzjoni mas-soċjetà attriċi stante illi kwalunkwe ftehim illi huwa kien daħal għalih kien mas-soċjetà Multiplus;

Illi fi kwalunkwe każ, il-konvenut ma għandu ebda pendenzi lanqas mas-soċjetà Multiplus.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 28 ta' Diċembru 2011.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Sema' x-xhieda.

Ra l-verbal tal-4 ta' Diċembru 2014 fejn it-Tribunal iddikjara l-provi tal-konvenut magħluqa u l-kawża ġiet differita għall-24 t'April 2015 sabiex tingħata s-sentenza.

Ra illi minkejja li l-konvenut ingħata l-opportunita li jħarrek lir-rappreżentant tas-soċjeta` attrċi għall-kontro-eżami, dan m'għamlux u fis-seduta tal-24 t'April 2015, la deher hu u lanqas id-difensur tiegħu, u lanqas ma ħarrku ebda xhud. Għaldaqstant il-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza.

**Provi**

Sema' lil **Simone Wightman rappreżentanta tas-Soċjeta` attriċi** fejn hija kkonfermat li s-servizz tas-Sur Magro baqa' għaddej u kien terminat biss fl-1 ta' Diċembru 2008. Is-servizz kien ġie mwaqqaf peress illi ma kienx qed isir il-ħlas tal-kontijiet u għalhekk is-servizz kien ġie rtirat minn naħa tal-credit control. Xehdet illi kemm damet il-GO tipprovdi s-servizz wara li ħaditu mingħand is-Soċjeta' Multiplus is-Sur Magro qatt ma wettaq pagament fil-konfront ta' GO, pero f'dan il-perjodu kienu qegħdin joħorġu l-kontijiet b'mod regolari.

Sema' lill-**konvenut Alfred Magro** li xehed li kien ra reklam f'gazzetta u fejn kien ingħad li l-kumpanija Multiplus kienet qed tipprovdi l-logħob tal-kampjonat Taljan u l-prezz kien biss ta' Lm3 fix-xahar. Għaldaqstant huwa kien tħajjar jieħu dan is-servizz u kien sabu sodisfaċenti. Meta spiċċa l-kampjonat ibnu kien infurmah illi daqshekk kienu ser jaraw il-logħob Taljan mal-Multiplus għax kienu ħadulhom id-drittijiet. Kien ċempel l-uffiċċji tal-Multiplus ġo Portomaso fejn kienu nfurmawh li fil-fatt kienu tilfu d-drittijiet fuq il-futbol Taljan. Peress li ddeċieda li jwaqqaf is-servizz, mar Portomaso u kien irritorna s-silver card. Kienu ħarġulu kont ta' dak li kien għadu dovut u kien ħallas bil-Visa card. Deherlu li kien ittermina is-servizz tal-Multiplus fl-2006. Mistoqsi mit-Tribunal jekk kienx irċieva il-kontijiet tal-GO wieġeb illi kien irċieva wieħed imma ma kienx għal ebda ammont ta' €500. Huwa dan il-kont kien injorah għax ħass li ma kellux x'jaqsam mal-GO.

**Kunsiderazzjonijiet**

It-Tribunal fl-ewwel lok ikkunsidra illi t-talba tas-soċjeta` attriċi hija talba għall-ħlas tas-servizz provdut u li quddiemu m'għandu l-ebda talba għall-ħlas ta' xi apparat bħal xi *set top box*. Dana jirriżulta mid-Dokument A (fol. 2) li huwa l-prospett ippreżentat mis-soċjeta` attriċi u qiegħed jingħad stante li fit-trattazzjoni tal-kawża ingħatat importanza jekk is-*set top box* kinitx mixtrija mill-konvenut u għaldaqstant propjeta tiegħu jew kinitx propjeta tas-soċjeta` attriċi mislufa lill-konvenut. Irriżulta mid-dokumenti esebiti li din is-*set top box* kienet ġiet mixtrija u mħallsa mill-konvenut u fil-fatt is-soċjeta` attriċi mhix titlob ħlas tagħha.

Jirriżulta wkoll mid-dokumenti esebiti illi l-ishma kollha tas-soċjeta` Multiplus Limited ġew mixtrija minn GO p.l.c. u għaldaqstant Multiplus Limited ġiet amalgamata mas-soċjeta` attriċi. Dana sar b'effett mill-15 ta' Marzu 2010. B'effett ta' dan, id-drittijiet tas-soċjeta` Multiplus ġew assunti mis-soċjeta` attriċi u kwindi dan jispjega kif it-talba odjerna qed issir mis-soċjeta` GO p.l.c. u mhux minn Multiplus Limited.

Fil-mertu, irriżulta b'mod mhux ikkontestat illi l-konvenut kien ikkuntratta servizz ta' televiżjoni mas-soċjeta` Multiplus Limited fis-sena 2005, liema servizz beda jingħata effettivament f'Ottubru tal-istess sena.

Il-konvenut isostni li huwa kien ittermina s-servizz minn jeddu f'Settembru 2006, mentri s-soċjeta` attriċi tgħid li kienet hija li tterminat is-servizz f'Diċembru 2008 u dana peress li l-konvenut ma kienx qiegħed iħallas għas-servizz.

Id-dokument immarkat GO 1 fol.49 tal-proċess, jagħti dawl fuq ir-relazzjoni bejn il-partijiet għaliex dan huwa *log* tal-komunikazzjoni li kien hemm bejniethom. Mill-istess dokument jirriżulta illi huwa minnu li f'Settembru 2006 il-konvenut kien mar għand il-Multiplus biex iħallas il-kontijiet pendenti, iżda dan mhux bl-iskop li jittermina s-servizz iżda sabiex seta jkollu s-servizz upgraded għal Silver+ u Sports+. Effettivament is-soċjeta` attriċi tatu dan l-upgrade.

Il-Tribunal isib il-verżjoni tal-konvenut pjuttost dubjuża u dana fl-ewwel lok għaliex ippreżenta riklam tal-Multiplus datat 4 ta' Settembru 2005, li skont hu kien li ħajru jieħu s-servizz, meta s-servizz kien diġa kkuntrattah u ta depożitu fuqu fl-10 ta' Lulju 2005.

Jgħid li hu ma kellux bżonn is-servizz televiż ta' żewġ kumpaniji fl-istess waqt, meta f'ħin ieħor jgħid li "peress li jien kont diga klijent tal-Melita, ma kellix għalfejn inkompli bis-servizz tiegħi mal-Multiplus", li jfisser allura li ġieli kellu żewġ servizzi ta' żewġ kumpaniji fl-istess żmien.

Inoltre jammetti li ġieli rċieva kontijiet tal-GO, iżda huwa njorahom għaliex ħass li ma kellu xejn x'jaqsam mal-GO. It-Tribunal, issibha diffiċli temmen li persuna bil-għaqal biżżejjed li żżomm sempliċi reklam fil-pussess tagħha għal għaxar snin, ma ħaditx l-interess li tmur fl-uffiċċji ta' GO biex tivverifka x'kienu l-kontijiet li qed tirċievi.

Illi għar-raġunijiet suesposti, it-Tribunal qiegħed jiċħad l-eċċezzjonijiet li qajjem il-konvenut u jagħżel il-verżjoni tal-fatti kif mogħtija mis-soċjeta` attriċi.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u jilqa' t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta' ħames mija, wieħed u tletin Ewro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€531.54), bl-imgħax legali dekorribbli mit-22 ta' Novembru 2011, li hija d-data tal-preżentata tal-ittra uffiċċjali fl-ismijiet premessi u numerata 4546/11, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża, inkluż tal-ittra uffiċċjali ċċitata, jkunu a karigu tal-konvenut.

**Av. Nadia H.Vella**
Ġudikatur